**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Frar, 2018

Rikors Nru : 492/17 AL

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ippremettew :

1. Illi il-partijiet izzewgu fit-12 ta' Settembru 2003 (certifikat taz-zwieg anness bhala "DOK A") u minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied;
2. Illi l-partijiet isseparaw tramite sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti datata 28 ta' April 2016 fl-ismijiet ***CD vs. Dr. Noel Bartolo noe et*** (Rik. Gur. Nru. 181/2015 RGM) (sentenza annessa bhala "DOK B");

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda kwistjonijiet dwar manteniment pendenti;
5. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega għall-ksib tad-divorzju skond l-Artiklu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu li din il- Qorti :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Jannar, 2018;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-28 ta' April 2016 u de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.